# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX) INFERJURI

## MAĠISTRAT DOTTOR BRIGITTE SULTANA LL.D., LL.M (CARDIFF) ADV. TRIB. ECCL. MELIT.

**Illum, il-Ġimgħa, 25 ta' Novembru 2022**

**Avviż numru: 16/2020 BS**

**The Performing Right Society Limited,**
**soċjetà estera debitament reġistrata fir-Renju Unit**
**bin-numru ta' reġistrazzjoni 00134396**

**-vs-**

**Malta Globe Music Limited (C56050)**

**Il-Qorti;**

**Rat l-avviż** fejn is-soċjetà The Performing Right Society Limited talbet li jitħallsu s-somma ta' ĦAMEST ELEF TMIEN MIJA U TMENIN EWRO (€5,880) jew somma oħra verjuri illi din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tillikwida oltre l-imgħax legali mit-23 ta' Jannar 2020, rappreżentanti ħlas dovut skont l-fattura

numru 20/7564 tat-23 ta' Jannar 2020 li kopja tagħha qed tiġi annessa u mmarkata bħala 'Dok. A', liema fattura tikkonċerna drittijiet ossia '*royalties*' dovuti ai termini tal-liċenzja P 200527 maħruġa mill-istess soċjetà rikorrenti a favur tas-soċjetà konvenuta nhar it-12 ta' Mejju 2019, li kopja tagħha qed tiġi hawn annessa u mmarkata bħala 'Dok. B', u li permezz ta' liema s-soċjetà rikorrenti awtorizzat il-wirjiet pubbliċi mis-soċjetà konvenuta ta' mużika tutelata bid-dritt tal-awtur fi ħdan ir-ripertorju tas-soċjetà rikorrenti kif ukoll tas-soċjetajiet affiljati magħha, u dan skont il-pattijiet u l-kundizzjonijiet kollha stipulati fl-imsemmija liċenzja. Illi in kunsiderazzjoni tal-ħrug tal-fuq imsemmija liċenzja, kellhom jitħallsu lis-soċjetà rikorrenti drittijiet ossia '*royalties*' fl-ammont ekwivalenti għal sitta fil-mija (6%) tal-irċevuti tad-dħul ossia '*admission receipts*' mill-kunċert 'Gianni Morandi Live in Malta' li ttella' fit-12 ta' April 2019 ġewwa l-MFCC, Ta' Qali, u dan skont it-Tariffa applikabbli tas-soċjetà rikorrenti, hekk kif awtorizzata mill-Bord dwar id-Drittijiet tal-Awtur, kopja ta' liema qed tiġi hawn annessa u mmarkata bħala 'Dok. C'. Illi inoltre qed jiġi esibit ukoll '*screenshot*' mis-sit elettroniku tal-MFCC ossia www.mfcc.com.mt/venue/events/gianni-morandi, bħala 'Dok. D'.

Bl-ispejjeż, inklużi tal-ittra uffiċjali numru 79/2020 tat-22 ta' Mejju 2020, 'Dok. E' hawn anness u tas-sekwestru kawtelatorju li qed jiġi preżentat kontestwalment ma' dan l-avviż, u l-inġunzjoni tas-soċjetà konvenuta għas-subizzjoni.

**Rat ir-risposta tas-soċjetà intimata Malta Globe Music Ltd li permezz tagħha eċċepixxiet:**

1. ILLI fl-ewwel lok jirriżulta li dina l-kawża hija waħda intempestiva u dana stante li anke a bażi tat-talbiet tar-rikorrenti stess jirriżulta li t-talbiet tagħhom kellhom jinħadmu a bażi ta' persentaġġi minn bejgħ, liema bejgħ qatt ma ġie kwantifikat mir-rikorrenti u għalhekk it-talbiet tagħha huma totalment mingħajr ebda bażi;

2. ILLI fit-tieni lok, jirriżulta illi il-mod ta' kif qiegħda tinterpreta l-liġi l-istess rikorrenti huwa totalment żbaljat u li għalhekk l-ammont mitlub assolutament li ma jirriżultax;

3. ILLI fit-tielet lok, jirriżulta wkoll li l-istess rikorrenti qiegħda taħdem b'mod totalment arbitrarju u li l-artisti li allegatament qiegħda tirrapreżenta l-istess rikorrenti ma humiex kuntenti bil-mod ta' kif qed iġġestixxi l-attività tagħha r-rikorrenti stess;

4. ILLI fir-raba' lok, u mingħajr preġudizzju għas-suespost, joħrog fiċ-ċar illi l-istess talbiet huma totalment esaġerati, mingħajr ebda bażi la fil-liġi u anqas fil-fatt u li ma jirriżultaw minn imkien u għalhekk l-ammont mitlub ma huwiex dovut.

Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti u bl-inġunzjoni għas-subizzjoni tal-istess rikorrenti.

**Il-Qorti;**

**Rat** li din il-kawża ġiet assenjata lilha fil-5 ta Marzu, 2021;[1]

**Fliet** l-atti kollha fl-intier tagħhom;

**Ikkunsidrat:**

**i) Preliminari**

Din hija kawza li nfetħet mis-soċjetà attriċi sabiex tiġbor minn għand is-soċjetà konvenuta s-somma ta' ħamest elef tmien mija u tmenin ewro (€5,880) rappreżentanti "royalties" ekwivalenti għal sitta fil-mija (6%) tad-dħul mill-kunċert li kien ittella' l-MFCC fit-12 ta' April, 2019 wara li kienet inħarġet liċenzja bin-numru P200527 lis-soċjetà konvenuta sabiex dan il-kunċert iseħħ. Tgħid ukoll li l-konvenuta baqgħet inadempjenti minkejja interpellazzjoni anke permezz ta' ittra uffiċjali ai termini tal-Artikolu 166A tal-Kap. 12 Liġijiet ta' Malta tat-22 ta Mejju, 2020[2].

Is-soċjetà konvenuta minn naħa tagħha tilqa' għat-talbiet attriċi billi ssostni li l-ħlas dovut minnha kellu jinħadem bħala persentaġġ tal-bejgħ ta' biljetti għal kunċert liema kalkoli ma sarux mis-soċjetà attriċi. Tgħid li l-attriċi ma hix qed tinterpreta l-liġi kif imiss u fi kwalsiasi każ l-ammont mitlub huwa esaġerat.

**Ikkunsidrat:**

[1] A fol. 24 tal-proċess.
[2] A fol. 12 tal-proċess.

Mill-provi jirriżulta li s-soċjetà konvenuta ngħatat liċenzja mis-soċjetà attriċi sabiex din tal-aħħar tkun tista' torganizza kunċert fit-12 ta April, 2019 ġewwa MFCC, Ta' Qali.

Is-soċjetà konvenuta kif rappreżentata minn Amabile Zammit, kif ukoll Giuseppe Rapisarda qablu illi jibagħtu l-informazzjoni kollha rigward il-bejgħ tal-biljetti lis-soċjetà attriċi. Dan għamluh permezz ta' dikjarazzjoni fuq id-dokument tal-permess P200527.[3]

Il-Qorti tosserva li f'din il-kawża filwaqt li s-soċjetà attriċi ppreżentat żewġ affidavits, wieħed ta' Steve Vassallo u l-ieħor ta' Karen Fishman, però naqset milli tara li d-dokumenti kollha li ssir referenza għalihom tul il-kawża jkunu effettivament prodotti fl-atti. Tinnota li x-xhud Stefan Vassallo, fl-affidavit tiegħu jsemmi diversi dokumenti li għalkemm jgħidu li ġew ippreżentati mal-affidavit, fil-fatt ma ġewx. L-istess jingħad għar-risposta għall-ittra uffiċjali msemmija fil-verbal tas-seduta tal-20 ta Mejju, 2022. Din ma gietx ippreżentata ghall-iskrutinju ta' din il-Qorti. Barra minn hekk il-kuntratt anness mal-affidavit ta' Karen Fishman, sar bejn il-Malta Fairs and Convention Centre u Giuseppe Rapisarda, u għalhekk is-soċjetà attriċi hija għalkollox estranea għalih. Il-Qorti għalhekk tqis li dan id-dokument ma għandu l-ebda valur probatorju fil-proċeduri odjerni.

Inoltre is-soċjetà attriċi ddikjarat li għalqet il-provi tagħha fis-seduta tat-23 ta Novembru, 2021. Wara dik is-seduta il-partijiet ġew akkordati ben erba' (4) differimenti sabiex jesploraw il-

[3] Dok. B, ippreżentat mal-Avviż.

possibbiltà ta' ftehim bl-aħħar differiment jingħata fis-seduta tas-17 ta' Marzu, 2022 meta l-Qori infurmathom illi jekk it-transazzjoni ma sseħħx il-konvenut kellu jibda bil-provi tiegħu. Fis-seduta ta' wara jigifieri fl-20 ta Mejju, 2022 is-soċjetà konvenuta ddikjarat illi qed tistrieħ fuq il-provi kollha miġbura.

L-Qorti għarblet sew il-provi fl-atti u jirriżulta illi l-konvenuta ma ressqet ebda prova li b'xi mod ixxejjen il-provi mressqa mis-soċjetà attriċi. Ma ġabet ebda prova li permezz tagħha tikkontradixxi l-ammont imsemmi fil-fattura esibita mill-attriċi. Anzi fis-seduta tal-20 ta Mejju, 2022 l-abbli difensur tas-soċjetà konvenuta ddikjara li kwalsiasi ħlasijiet u mgħaxijiet dovuti mill-konvenuta għandhom ikunu skont il-premessi u t-talbiet oriġinali tal-attriċi.

Għal din il-Qorti tali dikjarazzjoni tammonta għal ammissjoni ta' ħlas fl-ammont li qed tippretendi is-soċjetà attriċi skont il-fattura maħruga minnha, fl-ammont ta' ħamest elef tmien mija u tmenin ewro (€5,880.00), li hu l-istess ammont imsemmi fl-avviż u fl-ittra uffiċjali tat-22 ta' Mejju, 2020.

Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet il-Qorti ser tgħaddi sabiex tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenuta.

Rigward it-talbiet tas-soċjetà attriċi l-Qorti ser tgħaddi sabiex tilqa' t-talba għall-hlas tas-somma dovuta, però rigward it-talba tas-soċjetà attriċi sabiex il-konvenuta tħallas l-ispejjeż legali kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali tal-14 ta Novembru, 2018 u tas-sekwestru kawtelatorju, il-Qorti tirrileva li l-attriċi naqset milli tippreżenta kopja legali tas-sekwestru minnha msemmi

ghalkemm ipprezentat kopja ta l-ittra ufficjali u ghalhekk it-talba tagħha ser tintalqa limitatament ghal ispejjez ta l-ittra ufficjali.

**Decide:**

Għaldaqstant in vista tal-premess u għall-motivi ġa espressi l-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

Tilqa' t-talba tas-soċjetà attriċi u filwaqt li tiddikjara li s-soċjetà konvenuta hija debitriċi tas-soċjetà attriċi fis-somma ta' ħamest elef tmien mija u tmenin ewro (€5,880.00) tikkundannaha tħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' ħamest elef tmien mija u tmenin ewro (€5,880.00), bl-imgħax legali mit-22 ta' Mejju, 2020 sad-data tal-ħlas effettiv.

Tordna li l-ispejjeż ta' dan il-proċediment, inklużi l-ispejjeż tal-ittra uffiċjali tat-22 ta Mejju, 2020, jitħallsu mis-soċjetà konvenuta.

(ft) Dr Brigitte Sultana
Maġistrat

(ft) John Vella
D/Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur